MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 417/1996/1

**Philip Grima**

**Vs**

**Simon Rutter u Yvette Rutter**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati illi bejn it-28 u t-30 ta' Ottubru, 1995, dahal ilma minn fol fond Flat 1, 57 St Lucia Street, Valletta, tal-konvenuti, ghal gol fond 183 Old Bakery Street, Valletta, proprjeta' tal-attur, u minhabba f'hekk gew kkagunati danni fil-fond tal-attur kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi prevja li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-hsarat kkagunati fil-fond tal-attur 183 Old Bakery Street,

Valletta, u prevja l-likwidazzjoni tal-istess danni jigu kkundatti jhallsu lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati.

Ghall-fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li d-anni in kwistjoni jaccedu l-mitt lira Maltija u ma jeccedux il-mitejn u hamsin lira Maltija, Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Novembru 1995 u ta' Frar 1996, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 7 ibid) u li bih eccepew bir-rispett:

1. Illi in linea preliminari l-attur qed ikun irritu f'dawn il-proceduri billi hemm pendenti quddiem din l-istess Qorti proceduri simili fuq l-istess oggett bejn l-istess partijiet. Ara l-artikolu 792 et seq tal-Kodici ta' Procedura Civili Kap 12 u Avviz numru 739/95 FS.

2. Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-attur huma nfondati.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuti m'ghandhomx ibghatu spejjez ta' din il-kawza stante li l-attur seta' facilment jistenna l-ezitu ta' l-ewwel kawza, u b'hekk kulhadd ikun jista' jirregola ruhu ahjar.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, illum stess, din il-Qorti ddeciediet kawza ohra fl-istess ismijiet (hlief ghall-konvenuta) u bl-istess kawzali. Pero l-kawza odjerna tirreferi ghal perijodu differienti cjoe bejn it-28 u t-30 ta' Ottubru 1995. Jrid jissemma li ghal dan hemm refenza fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi f'din il-kawza hemm referenza specifika ghall-provi prodotti fil-kawza l-ohra (ara fol 28 u fol 30A tal-istess atti). Ghalhekk ser issir referenza ghax-xhieda b'affidavit kemm

tal-konvenut kemm ta' Paul Mifsud li hi annessa mal-atti tal-kawza l-ohra (fol 44 u fol 52 tal-avviz numru 792/95) u dan aktar l-isfel.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 17 et seq ibid) spjega li fit-30 ta'Ottubru 1995, kien sab fis-6.15a.m., "m'ghola zewg pulzieri ilma go l-ufficcju" liema ilma kien gej mis-saqaf "ta' quddiem l-iskrivanija tieghi li overlying hemm it-tromba tal-individwu". Inoltre, meta kien presenti l-Pulizija, kien deher li l-ilma "kien gej mill-overflow tat-tank li kellu taht it-tarag ……. In konnessjoni ma dan l-istess attur kien inkariga lil Alfred P Camenzuli (fol 20 u fol 27 tal-istess atti) sabiex jaghmel "survey". Skond l-istess rapport "ex parte" it-tank gja imsemmi u li jinsab taht it-tarag kien far u bhala konsegwenza l-ilma mill-istess tank kien niezel fil-parti, murija bl-ahmar fuq il-pjanta a fol 22 ibid tal-ufficju apparteneti lill-attur. Bhala konsegwenza, kienu gew kagunati hsarat kif deskritti fix-xhieda tal-attur kif ukoll fl-istess rapport "ex parte" (fol 21) u stmati Lm230 (ara ukoll ix-xhieda ta' ps 1218 Raymond Vella a fol 19 et seq ibid kif ukoll il-kopja tar-rapport a fol 16 ibid).

Illi il-konvenut ( afol 44 sa fol 46 tal-avviz numru 739/95, gja msemmi) spjega dak li gara billi qal li, fuq struzzjonijiet tal-plumber hawn fuq imsemmi, kien ghalaq l-stopcock tat-tank in kwistjoni, li kien vojt. Pero', skond ma qal u xehed il-konvenut xi hadd ad insaputa tieghu kien fetah l-istess "stopcock" u b'hekk l-istess tank kien intela bl-ilma. In konnessjoni ma dan, Paul Mifsud (fol 52 tal-istess avviz imsemmi) kien xehed li hu stess kien battal mill-ilma t-tank imsemmi oltre li ghalaq l-stopcock. Izda "Xi hadd kien babas l-stopcock …". Skond l-istess xhud din kienet "sorpiza" ghalih li dan kien instab miftuh u b'hekk "…. x-xoghol tharbatli".

Illi jigi notat li PC 1077 Anthony Theuma (fol 55 tal-istess avviz msemmi) kien xehed li, fit-3 ta' Novembru 1995, ossija erbat ijiem wara dak deskritt fix-xhieda tal-attur, hu kien mar fl-ufficju tal-attur wara rapport li kien sar minn dan, u kien ra ilma niezel gol-istess ufficju, presenti l-

istess attur. Pero’ fil-postijiet indikati minn dan cjoe l-intrata u l-post tal-konvenut ma kien ra ebda ilma. Inoltre ix-xhud kien ra li l-imsemmi “tank” kien vojt u xott.

Ikkunsidrat

Illi, f’dan il-kaz, kontrarjament ghall-iehor li qed jigi deciz, ukoll, illum stess, jidher li s-sors tal-ilma li nizel fl-ufficju tal-attur kien it-tank supplimentari, li jinsab taht it-tarag u jappartjeni lill-istess konvenut, liema “tank” kien far.

Illi pero’, ma jidhirx a basi tal-provi prodotti x’kienet il-kawza ta’ dan u, jekk, effettivament, dan il-fatt li gara kienx kawzat minn nuqqas ta’ diligenza u prudenza skond kif rikjest mill-ligi fl-artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Mill-provi jidher, filfatt, li l-konvenut nake bl-assistenza ta’ “plumber” kien ghamel tentattiv sabiex ma jipperkolax ilma fl-ufficju tal-attur u b’hekk ma ghandux jigi ritenut responsabbli ghal dak li gara.

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi tal-istess kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------